# Priedka tal-Milied 2021

*(Waqt li jqalleb fil-ktejjeb Christmas in Gozo jew inkella jiskrollja fuq il-mobajl):*

Kunċert tal-Milied bis-sehem tal-kor u l-orkestra... christmas market fil-pjazza... Christmas festival fil-knisja... presepju ħaj... Christmas parade... festive season concert... presepji għall-wiri...

F’Diċembru l-attivitajiet tal-Milied bħal donnhom jibdew ifaqqsu. Kull sena jżidu, anke f’dan iż-żmien ta’ pandemija!

Mhux hekk kien ħafna snin ilu! Nimmaġina ma kienx hemm dawn l-attivitajiet kollha! L-anzjani jgħidu li fi żmienhom ma kien ikun hemm xejn ħlief il-quddiesa ta’ nofsillejl...u l-purċissjoni tal-Bambin. U tafu għax semmejt il-purċissjoni tal-Bambin? Għax din is-sena, 2021 (elfejn u wieħed u għoxrin), din il-purċissjoni tagħlaq mitt sena minn meta saret l-ewwel darba. Ma kontux tafu?! Mela ħa ngħidilkom l-istorja ta’ kif bdiet din il-purċissjoni.

Kien ftit qabel il-Milied tal-1921 (elf disa’ mija wieħed u għoxrin). Darba minnhom San Ġorġ Preca qal lill-membri tal-Museum: ‘Din is-sena rrid li tagħmlu dimostrazzjoni bil-Bambin tal-Milied’. Ma kinitx ħafifa għalihom biex jippreparaw għal din id-dimostrazzjoni. Lanqas statwa ftit kbira tal-Bambin ma kellhom. Ħtiġilhom jisselfu waħda mingħand xi patrijiet. Imma bil-għajnuna ta’ Alla u bi sforz mhux żgħir mill-membri tal-Museum, l-ewwel dimostrazzjoni tal-Bambin saret fit-triqat tal-Ħamrun lejlet il-Milied ta’ mitt sena ilu. Kien hemm wieħed mill-membri li refa’ f’idejh il-Bambin. Kien hemm min ġab xemgħat, weraq tal-palm u taż-żebbuġ. Flimkien kantaw innijiet tradizzjonali tal-Milied waqt li mxew fit-triqat tal-Ħamrun ixandru l-kobor tal-ġrajja tal-Milied.

Matul dawn il-mitt sena, permezz tal-membri tal-Museum, din id-drawwa sabiħa xterdet ma’ Malta u Għawdex. Ilum issir ukoll f’pajjiżi oħra fejn hemm preżenza tas-Soċjetà tal-Museum, fosthom fl-Awstralja, fil-Kenja, fl-Albanija, fil-Peru, f’Kuba u fl-Ingilterra.

Storja ħelwa hux? Hija ġrajja ta' kif xi ħaġa li bdeit b'mod fqajjar fil-Ħamrun, illum saret waħda mill-iktar tradizzjonijiet popolari tal-Milied f'pajjiżna u xterdet ukoll f'pajjiżi oħra. Imma x'kellu f'moħħu Dun Ġorġ meta beda din id-drawwa mitt sena ilu? U għaliex sejħilha 'dimostrazzjoni' iktar milli 'purċissjoni'?

Żgur li din id-dimostrazzjoni ġiet mill-imħabba speċjali li Dun Ġorġ kellu lejn il-kelmiet *Verbum Dei caro factum est – L-Iben t'Alla sar bniedem.* Xtaq li l-membri tal-Museum joħorġu barra fit-triqat u jdoqqu u jkantaw waqt li jħabbru li l-Iben t'Alla sar bniedem. Għalhekk sejħilha dimostrazzjoni – wirja u stqarrija ta' fidi f'Ġesù li sar bniedem bħalna biex jifdina u jsalvana.

Id-dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin, fis-sempliċità tagħha, trid tfakkarna li l-Milied hu festa tas-sempliċità. Lil Ġesù ma nsibuhx jitwieled f'xi belt magħrufa, jew f'xi żmien importanti jew f'xi palazz irjali. Din il-ġrajja sseħħ f'postijiet sempliċi: il-belt ċkejkna ta' Beltem, l-għar tal-annimali; f'ċirkustanzi sempliċi: f'nofs ta' lejl, 'il-barra mill-belt; permezz ta' nies sempliċi: Marija, Ġużeppi, ir-rgħajja.

Anke l-messaġġ tal-anġli li ħabbar it-twelid ta' Ġesù kien wieħed sempliċi: "La tibżgħux għax ara se nħabbrilkom ferħ kbir li jkun għall-poplu kollu. Tweldilkom illum fil-belt ta' David, Salvatur li hu l-Messija l-Mulej. U dan ikun għalikom sinjal: issibu taribja mfisqija mimduda f'maxtura." B'dawn il-kelmiet sempliċi l-anġlu qal kull ma kien hemm x'tgħid: aħbar ta' ferħ, tarbija, Salvatur.

Illum intom il-kbar donnkom sirtu tarawha kerha din is-sempliċità. Ma togħġobkomx. Lil xi wħud togħġobhom aktar l-ideja kumplikata ta' Father Christmas li kapaċi jtir u jixxabbat mal-galleriji mill-figura sempliċi tat-tarbija fuq il-maxtura. Hawn min jogħġbu aktar l-istorbju tal-parties u l-għanjiet tal-Milied mis-sempliċità tas-skiet u l-kalma tal-ġrajja tal-Milied. Issib min jippreferi aktar it-tiżjin kumplikat tad-djar, toroq u pjazez tagħna milli s-sempliċità u l-faqar tal-għar ta' Betlem.

Għaliex il-Milied kapaċi jnissel fina t-tfal u fikom l-adulti l-ferħ u l-paċi tal-qalb? Għax hija l-ġrajja sempliċi tat-twelid ta' tarbija li permezz tagħha Alla tagħna sar bniedem bħalna. Illum, mitt sena wara li saret għall-ewwel darba, id-dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin, għadha trid tfakkarna fis-sempliċità tal-ġrajja tal-Milied. Illum ukoll għad għandna bżonn lix-xbieha ta' Ġesu Bambin iddur fit-triqat tagħna u twasslilna messaġġ ta' tama.

Għalhekk ejjew induru lejn Ġesù tarbija u nirringrazzjawh li sar bniedem bħalna, wieħed minna biex jifdina u jsalvana.

Ejjew induru lejn Ġesù tarbija u nitolbuh jagħtina l-grazzja li ngħożżu s-sempliċità li timlielna 'l qalbna bil-ferħ tassew.

Ejjew induru lejn Ġesù tarbija u nitolbuh għall-parroċċa għażiża tagħna: l-arċipriet, is-saċerdoti, il-katekisti, il-familji, it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-morda.

Ejjew induru lejn Ġesù tarbija u nitolbuh ikompli jbierek lit-tfal u l-adolexxenti flimkien mal-familji tagħhom u jgħinhom isiru jafuh iktar u jħobbuh.

U bilħaq! *(joħroġ il-mobile jew il-ktieb Christmas in Gozo)* Ejjew induru lejn Ġesù tarbija u nitolbuh biex ikun preżenti fil-festi tal-Milied li qed niċċelebraw din is-sena. Jalla l-ħafna attivitajiet li norganizzaw f'dan iż-żmien ma jtellfuniex milli niftakru li l-Milied huwa l-festa tal-Iben ta' Alla li sar bniedem.

Viva Ġesù Bambin!